MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2007

Rikors Numru. 426/2007

**Fl-atti tal-mandat ta' sekwestru ezekuttiv numru 456/07 fl-ismijiet:**

**Paul Gauci u b' digriet tal-24 ta' Jannar 1992 il-gudizzju gie trasfuz fl-ismijiet ta' Alfred, Victor, Tessie armla ta' Joseph Aquilina, u Antoinette mart John Grima ahwa Gauci stante l-mewt ta' missierhom l-attur**

**vs**

**Joseph Mugliette**

Il-Qorti

Rat ir-rikors ta’ Joseph Mugliette fejn gie premess :-

Illi permezz ta’ rikors datat 29 ta’ Marzu 2007 l-ahwa Gauci talbu u ottjenew il-hrug ta’ mandat ta’ sekwestru kontra r-rikorrenti odjern (mandat ta’ sekwestru numru 456/07) u dana in ezekuzzjoni ta’ sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti fit-30 ta’ Gunju 2006 fil-kawza fl-ismijiet premessi;

Illi jigi rilevat fl-ewwel lok illi l-esponent ma giex interpellat bl-ebda mod sabiex ihallas xi ammont qabel il-prezentata tal-mandat kontra tieghu u dan jinghad senjatament peress li l-esponent kellu u ghad ghandu kull interess li jhallas is-somma hekk ordnata minn din l-Onorabbli Qorti. Kwindi l-ispejjez ghall-hrug tal-mandat ghandhom ikunu a karigu ta’ l-intimati;

Illi fit-tieni lok il-mandat ta’ sekwestru ma giex notifikat lill-esponent u dan bi ksur ta’ l-artikolu 377 (2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta. Fil-fatt l-esponent qatt ma seta’ jigi validament notifikat peress li l-intimati, b’traskuragni, zvista jew adirrittura b’malizja indikaw indirizz erronju. L-esponent ma jirrisjedix fil-fond “92B, Mina ta’ Hompesch, Zabbar” u dan kif indikat mill-intimati izda fil-fond 90, “Dolores” Triq il-Mina ta’ Hompesch, Zabbar u dan kif hu indikat fil-karta identita’ ta’ l-istess esponent (kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok ‘1’);

Illi fit-tielet lok jigi rilevat illi l-ammont ta’ imghax mitlub mill-intimat fil-mandat ta’ sekwestru huwa wiehed eccessiv. Is-sorte fil-kaz in ezami jammonta ghal Lm3818, filwaqt li l-imghax mitlub mill-intimat ghall-istess ammont huwa ta’ Lm4951. Illi huwa maghruf li l-imghax ma jistax jeccedi l-kapital (ir-regola ta’ l-*ultra duplum*) (ara per ezempju sentenzi tal-Qorti tal-Kummerc moghtija fil-kawza fl-ismijiet **Caterina Bonello et vs Giuseppa Lanzon** – Vol XLVIII.iii.1363 deciza fl-14 ta’ Jannar 1964 u tal-Prim’ Awla tal-Qorti Civili moghtija fil-kawza fl-ismijiet **Roberto Tabone vs Joseph Cannataci – Vol XXXII.ii.249** deciza fis-6 ta’ Marzu 1964). Huwa evidenti li

f'dan il-kaz l-imghax mitlub jeccedi il-kapital u dan kontra r-regola ta' l-*ultra duplum*;

Inoltre jigi sottomess illi l-fatt illi din l-Onorabbli Qorti kif diversament presjeduta fis-sentenza taghha ordnat il-hlas ta' l-imghax minn zmien ilu sad-data ta' l-effettiv pagament ma jfissirx li din ir-regola ta' *ultra duplum* tista' tigi skartata. Ir-regola ta' l-*ultra duplum* hija wahda ta' ordine pubbliku u ghalhekk indipendentament mill-fatti specie tal-kaz in ezami din ir-regola ghandah tigi osservata *ad unguem;*

Finalment dwar l-ispejjez mitluba fl-istess mandat ta' sekwestru jigi rilevat illi din l-Onorabbli Qorti fis-sentenza taghha ddecidiet is-segwenti: *"Bl-ispejjez dwar it-tieni, it-tielet u r-raba' talbiet attrici li jithallsu mill-konvenut u dawk dwar il-kontro-talba tal-konvenut li jithallsu kwantu ghal nofs mill-atturi u nofs mill-konvenut".* Huwa ghalhekk evidenti illi l-ispejjez kollha tal-kawza ma gewx akkollati fuq l-esponent izda divizi bejn il-partijiet. Fil-mandat ta' sekwestru l-intimat talab l-ispejjez kollha tieghu kontra l-esponent u kwindi dan hu zbaljat;

Ghalhekk ir-rikorrenti Mugliette talab li din il-Qorti **fl-ewwel lok** tiddikjara illi huwa ma giex notifikat bi ksur ta' l-artikolu 377 (2) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta u li ma giex interpellat qabel il-prezentata tal-mandat ghall-hlas b'ebda mod u ghalhekk tordna li l-ispejjez tal-mandat odjern jithallsu mill-intimat; **fit-tieni lok** tiddikjara illi ai termini tal-principlu ta' l-*ultra duplum* l-imghax ma ghandux jeccedi s-sorte u ghalhekk tordna korrezzjoni fil-mandat ta' sekwestru fis-sens li l-ammont ta' imghax mitlub ma ghandux ikun ghola mis-sorte'; u **fit-tielet lok** tordna korrezzjoni fil-parti ta' l-ispejjez mitluba fl-istess mandat ta' sekwestru u dan sabiex jirrifletti korrettament dak ordnat mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha u dan taht kull provvediment iehor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq;

Rat ir-risposta ta' l-intimati Gauci fejn gie sottomess:

Illi t-talba rikorrenti ghandha tigi michuda ghas-segwenti ragunijiet:

Illi preliminarjament, Joseph Mugliett gie interpellat biex ihallas mill-istess esponenti. Fil-fatt il-partijiet iltaqghu ma Joseph Mugliette izda dan irrifjuta li jhallas u addirittura sfidhom biex jipprocedu kontra tieghu esekuttivament;

Illi rigward it-tieni sottomissjoni tar-rikorrenti dwar in-notifika, jinghad li din l-osservazzjoni hija frivola stante li fil-fatt Joseph Mugliette irceva l-atti relattivi tant li ghazel anke biex jikkontesthom permezz tal-proceduri odjerni;

Illi dwar it-tielet osservazzjoni rigward il-komputazzjoni ta' l-imghax, ghandu jigi osservat li fis-sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti gie specifikat il-metodu ta' kif ghandu jigi komputat l-imghax. L-esponenti hadmu l-imghax abbazi tal-metodologija imposta u ordnata mill-Qorti. Kwindi l-argumenti (ghalkemm jezistu argumenti legali li jikkontradixxu dawk issollevati mill-istess rikorrenti) m' humiex rilevanti ghall-kaz in kwistjoni;

Illi rigward il-kap ta' l-ispejjez, ir-rikorrenti ghandu mezzi ohra legali a disposizzjoni tieghu biex jikkontesta ir-ratizzazzjoni ta' l-ispejjez;

Ghaldaqstant, l-intimati ahwa Gauci jissottomettu li r-rikorrenti qed jipprova jaghmel ostakoli biex ma jhallas dak li effettivament huwa dovut minnu wara kawza li ilha ghaddejja snin twal u dana b'argumenti frivoli u jissottomettu inoltre li t-talba tar-rikorrenti Mugliette ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra tieghu;

Rat l-atti l-ohra kollha tar-rikors u d-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet;

Rat li r-rikors gie differit biex jinghata l-provediment finali;

Ikkonsidrat:

Il-rikorrenti Joseph Mugliette jghamel referenza ghal mandat ta' sekwestru esekuttiv (numru 456/07) li l-intimati ahwa Gauci ottjenew kontra tieghu in ezekuzzjoni ta' sentenza moghtija mill-Qorti kompetenti fit-30 ta' Gunju 2006. L-istess rikorrenti Mugliette jilmenta fl-ewwel lok li huwa ma giex interpellat biex ihallas qabel ma nhareg l-imsemmi mandat u ghalhekk l-ispejjez ghall-hrug tal-mandat ghandhom ikunu a karigu ta' l-intimati. Fit-tieni lok ir-rikorrenti jilmenta li il-mandat in kwestjoni ma giex notifikat lilu bi ksur ta' l-artikolu 377 (2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.  Fit-tielet lok ir-rikorrenti jissottometti li l-ammont ta' imghax mitlub fil-mandat in kwestjoni hu eccessiv u jissupera s-sorte u, dejjem skond ir-rikorrenti, l-imghax ma jistax jeccedi l-kapital. Finalment ir-rikorrenti jilmenta dwar l-ispejjez mitluba fil-mandat li skond hu mhux skond dak li gie deciz dwar l-ispejjez fis-sentenza gia indikata;

L-intimati rrispondew li r-rikorrenti Mugliette fil-fatt gie interpellat biex ihallas pero' huwa rrifjuta. L-intimati ahwa Gauci jkomplu jissottomettu li jidher li l-istess rikorrenti irceva l-atti tal-mandat tant li ppresenta dawn il-proceduri. Dwar l-imghaxxijiet huma jissottomettu li dawn gew komputati skond is-sentenza in kwestjoni. Rigward il-kap ta' l-ispejjez, l-intimati rrispondew li hemm mezzi ohra legali a disposizzjoni tar-rikorrenti sabiex dan jikkontesta ir-ratizzazzjoni ta' l-ispejjez;

Tenut kont tac-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz jirrizulta li l-pretensjonijiet kollha tar-rikorrenti Mugliette huma infondati kemm fid-dritt kif ukoll fil-fatt. Kwantu ghal-ilment tar-rikorrenti dwar li huwa ma giex interpellat biex ihallas, ghandu jinghad li, fi kwalunkwe kaz, in-nuqqas ta' tali talba ghal hlas ma jgibx in-nullita' tal-mandat. Jidher li d-debitu tar-rikorrenti ilu pendenti ghal zmien relattivament twil u di piu' kien hemm sentenza li kkundannat lir-rikorrenti ihallas l-istess debitu. Ghalhekk ir-rikorrenti ma kellux jistenna l-hrug tal-mandat in kwestjonisabiex ihallas. Lanqas ma jista jigi esklus li, in effett, qabel ma inhareg il-mandat, r-rikorrenti gie mitlub ihallas l-istess debitu;

Il-fatt li r-rikorrenti ma giex notifikat lanqas ma jwassal ghal xi nullita' tal-mandat in kwestjoni. Fil-prattika l-importanza ta' notifika tal-mandat lill minn issubixxa l-hrug tal-istess mandat hi minima. Barra minn hekk jidher li r-rikorrenti gie eventwalment notifikat bil-mandat jew jidher li l-istess rikorrenti sar jaf b'dan l-istess mandat, tant li huwa inizja l-presenti proceduri;

Dwar l-imghax jidher li t-talba, kif kontenuta fil-mandat in kwestjoni, rigwardanti l-imghaxxijiet hi skond is-sentenza relattiva. Barra minn hekk, in vista tal-fatt li hemm sentenza, r-regola citata mir-rikorrenti mhux applikabbli ghal dan il-kaz;

Dwar l-ispejjez mitluba fil-mandat hu ovvju li dawn ghandhom ikunu skond is-sentenza. Hi l-prattika kostanti li, qabel ma jigi ordnat il-hrug tal-mandat, jigi verifikat li t-talbiet kollha, kif kontenuti fl-istess mandat esekuttiv, huma skond is-sentenza li a bazi taghha jkun inhareg l-istess mandat. Dan il-fatt, pero', ma jistax jigi verifikat peress li r-rikorrenti naqas li jipproduci kopja tal-mandat in kwestjoni;

In vista tal-premess it-talbiet kollha tar-rikorrenti ghandhom jigu rigettati;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet kollha tar-rikorenti;

Spejjez kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------